MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 419/2008

**Mary Rose Mifsud**
**(ID-19968-G)**

**Vs**

**Segretarju Generali General Workers Union Taqsima tal-Gvern u Entitajiet Pubblici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` April, 2008, fejn intalab sabiex il-Union konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' tliet mija u sebgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (Euro337.76c), rapprezentanti flus dovuta ghal qadi ta` dmirha bhala Assistenta Segretarja kif legittimament mahtura ghal perjodu mill-1 ta` Jannar, 2007 sat-8 ta` Awissu, 2007.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcali numru 4262/07 taht l-artikolu 166A, Kap. 12 datata 23 ta` Lulju, 2007 u bl-imghaxijiet legali mill-istess ittra sa l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-Union konvenuta datata 4 ta` Lulju, 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi preliminarjament li l-konvenut kien gie mharrek hazin peress illi s-“Segretarju Generali” ma ghandux personalita` guridika u fit-tieni lok illi huma nfondata legalment u fattwalment stante li l-qadi tad-dmirijiet in kwistjoni jigu ezercitati fuq bazi volontarja. Fl-ahhar nett gie eccepit illi l-attrici ma hiex intitolata ghal dak mitlub peress illi l-istess dmirijiet gew ezekwiti mhux bid-diligenza mistennija. B’riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ha konjizzjoni ta` l-istatutipprezentat mill-attrici.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidra.

Illi l-Union konvenuta tafferma li l-kawza giet impostata hazin in vista tal-fatt li ma gietx mharrka persuna li ghandha personalita` guridika.

Illi minn naha l-ohra l-attrici tinsisti li l-avviz kif intavolat huwa korrett peress illi skond l-artikolu 64 (a) ta` l-Istatut ta` l-istess Union hemm stipulat bl-aktar mod car li hija ghandha tigi rapprezentata fi proceduri legali mis-segretarju generali. Illi ghalhekk jidher evidenti li hija l-Union li qieghdha tigi mharrka f’dawn l-atti kif rapprezentata mis-segretarju generali taghha bhala inkarigu ufficcjali u mhux fl-isem personali ta` l-istess segretarju.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kif gew proposti l-atti in kwistjoni, jidher evidenti li hija fil-fatt il-Union li tinsab imharrka bhala konvenut f’dan il-kaz u li gie msemmi isem is-segretarju generali fil-kariga ufficcjali tieghu a tenur ta` l-artikolu 64 (a) hawn fuq citat u mhux biex jinftiehem li gie mharrek l-istess segretarju generali f’ismu u fil-kapacita`

tieghu personali. Fl-istess hin ma jaqbilx mat-tezi avvanzata mill-istess konvenut li l-kliem “General Workers Union” gie mnizzel bhala ndirizz u mhux bhala l-konvenut vera u proprja. Barra minnhekk jinghad ukoll li dan it-Tribunal ma hux daqstant marbut b’mod strett ma` certa ezigenzi procedurali u kwindi jista` jasal biex jinterpreta b’mod aktar wiesgha u anqas formali l-mod kif gie ndikat u ndirizzat isem il-konvenut – li f’dan il-kaz ma hemmx dubbju li hija l-General Workers Union li qed tigi mitluba twiegeb ghat-talbiet attrici u hadd iehor.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez ta` din id-decizjoni jibqghu rizervati ghas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------